MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 275/1998/1

Mary Grace Muscat, u b'nota tal-5 ta' Novembru, 2004, Rita mart Joseph Dimech assumiet l-atti tal-kawza f'isimha ghan-nom ta' l-attrici Mary Grace Muacat, stante li din bhalissa tinsab fl-esteru .

vs

Terry Debrincat .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :

Illi fit-tmienja (8) ta' Dicembru, elf disa' mija tmienja u disghin (1998) l-attrici Mary Grace Muscat kienet qeghda ssuq il-vettura tal-marka Datsun u bin-numru tar-registrazzjoni IAW 487, proprjeta' taghha stess, fi Triq ic-Cnut kantuniera ma' Triq Sant'Indri fiz-Zebbug, Ghawdex

bi speed moderat u bid-diligenza kollha minnha rikjesta mill-Ligi ;

Illi l-konvenut Terry Debrincat kien qieghed isuq truck tal-marka Bedford u bin-numru tar-Registrazzjoni GAJ 061, proprjeta' ta' Carmelo Formosa, bi traskuragni grassa, b'imperizja, bi speed eccessiv u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku bil-konsegwenza illi huwa investa fil-vettura ta' l-attrici Mary Grace Muscat u b'hekk ikkaguna l-incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut Terry Debrincat kien unikament responsabbli;
Illi per konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici soffriet griehi kif ukoll hsarat konsiderevoli fil-vettura taghha, kif jigi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegh ta' l-istess kawza ;

Illi l-istess konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex bonarjament jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attrici, dan dejjem baqa' inadempjenti .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut Terry Debrincat huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, inkluzi l-griehi sofferti mill-attrici u konsegwentament responsabbli wkoll ghad-danni konsistenti f'*damnum emergens u lucrum cessans ;*

2. Tillikwida ghal hekk id-danni kollha sofferti mill-attrici per konsegwenza ta' dan l-incident awtomobilistiku, u dan jekk hemm bzonn permezz ta' perit li ghandu jigi nominat ghal dan il-fini ;

3. Tikkundanna lill-konvenut Terry Debrincat sabiex ihallas lill-attrici d-danni kollha hekk sofferti u likwidati .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma' din ic-citazzjoni lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-ingunzjoni

ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek . Bl-imghaxijiet skond il-ligi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attrici kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. It-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija tal-attrici nnifisha, minhabba s-sewqan traskurat u negligenti da parti taghha, u minhabba illi hija naqset illi tosserva r-regolamenti tat-traffiku . B’mod specifiku r-responsabbilita ghall-incident ghandha tigi akkollata lill-attrici minhabba l-fatt illi hija naqset illi tieqaf meta kienet waslet sabiex tisporgi minn ‘T-Junction’ ghal go triq principali ; kif ukoll minhabba l-fatt illi meta harget minn din it-triq, hija gibdet wisq lejn il-kantuniera tal-lemin bil-konsegwenza illi hija harget ‘*wrong way*’ u ma tatx opportunita’ lill-konvenut illi jintebah biha fi zmien utili bizzejjed sabiex jkun jista’ jevita l-incident .

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits, id-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Rat il-verbal taghha tal-31 ta' Mejju 2005 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tirreklama d-danni ghall-griehi li tghid li garbet per konsegwenza ta’ kollizjoni li sehhet bejn il-karozza taghha u truck misjuq mill-konvenut, kif ukoll ghall-hsara ikkagunata fil-karozza taghha fl-istess incident stradali . Dan l-incident gara f"T-

junction bejn Triq ic-Cnut u Triq Sant'Indrija, z-Zebbug, Ghawdex . L-attrici kienet qed tikser fid-direzzjoni tal-lemin taghha minn Triq Sant'Indrija ghal Triq ic-Cnut, filwaqt illi l-konvenut kien niezel bit-truck tieghu mghobbi bic-cilindri tal-gass ghad-distribuzzjoni fid-djar, minn naha ta' fuq ta' Triq ic-Cnut . L-incident sehh bi nhar u l-art dak il-hin kienet xi ftit imxarrba, billi kienet ghadha kemm ghamlet ix-xita u kien hemm iz-zrar fit-triq .

Il-partijiet jaghtu verzjonijiet kontrastanti u konfliggenti dwar kif sehh l-incident . Minn naha l-wahda l-attrici ssostni li l-habta sehhet waqt li hija kienet wieqfa, fuq in-naha taghha ta' Triq ic-Cnut, wara li harget minn Triq Sant'Indrija hekk kif accertat ruhha li ma kienux gejjin vetturi minn dik it-triq . Hija waqfet hemmhekk ghax rat it-truck tal-konvenut gej ghal fuqha "*bi speed qawwi*" u ma kellhiex fejn tmur biex tevita l-habta . Il-karozza taghha ntlaqtet fil-gemb tal-lemin ta' quddiem . Bl-impatt it-truck dawwar il-karozza taghha biex gabha thares *at right angles* fuq in-naha l-ohra tat-triq .

Minn naha l-ohra l-konvenut jinsisti li, filwaqt li kien niezel bit-truck tieghu fin-naha ta' fuq ta' Triq ic-Cnut, ra lill-attrici hierga minn Triq Sant'Indrija, u biex tikser ghal Triq ic-Cnut qatghet il-kantuniera u zammet fuq il-lemin taghha . X'hin ratu, waqqfet il-karozza taghha, b'mod li mblukkatlu t-triq . Huwa ipprova jiskapulaha billi applika l-*brakes* tat-truck u jigbed ghal-lemin, izda z-zrar fit-triq ghamluha aktar difficcli ghalieh li jevita l-habta u fil-fatt laqtilha l-karozza taghha bil-gemb tax-xellug ta' quddiem tat-trukk .

Il-kompitu ta’ din il-Qorti f’dan l-istadju huwa ghalhekk illi tistabilixxi liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija l-aktar verosimili, tenut kont tal-provi kollha prodotti fil-kors tas-smiegh tal-kawza u konsegwentement jekk kienx hemm xi nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieqa nvoluti jew xi hadd minnhom . Mill-okkorrenza relattiva ghal dan l-incident stradali, jirrizulta illi *a tempo vergine* l-partijet taw lis-surgent Josephine Camilleri, li kienet qed tinvestigah, is-segwenti verzjonijet taghhom :

"*Car no. GAJ 061* (misjuqa mill-konvenut) : *Driver stated that while he was driving along Triq ic-Cnut in the direction of Triq Sant'Indrija, vehicle that was being (driven) along Triq Sant'Indirija into same street, blocked his way, (he) tried to avoid it by braking the truck, but they collided* .

*Car no. IAW 487* (misjuqa mill-attrici) :
*Driver stated that while she was driving along Triq St.Indrija, turning into Triq ic-Cnut, when from same street, truck GAJ 061, which was being driven in her direction, in the opposite side of the street, blocked her way and they collided . She also stated that with the impact her vehicle was draged sideways and turned*." [1]

Fid-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti, l-kontendenti regghu kkonfermaw din il-verzjoni taghhom dwar kif sehh l-incident . Xhieda okulari kien hemm Rita Dimech, *front seat passenger* fil-karozza ta' l-attrici u zija taghha, li qablet ma' dak li qalet l-attrici fis-sens li l-konvenut kien ghaddej b'certu velocita' (fi kliemha : "*maghmul*")[2], Lawrence Formosa, li kien hdejn il-konvenut fuq it-trukk u li bejn wiehed u iehor kkorobora dak li qal il-konvenut,[3] u Saviour Cini li joqghod fl-inhawi u dak il-hin kien ghadu kemm hareg mill-garage tieghu fi Triq ic-Cnut . Dan ta' l-ahhar spjega l-incident bil-mod segwenti : "*Jiena rajt it-truck ghaddej minn ghalija u dehret il-karozza, il-karozza waqfet u t-truck baqa' sejjer, eh, ghax fuq iz-zrar baqa' sejjer jigri*."[4]

Fi ftit kliem il-kwistjoni li trid tiddecidi din il-Qorti tirriduci ruhha ghall-problema jekk ghandhiex temmen lill-attrici li tghid li hadet il-prekawzjonijiet kollha mehtiega qabel ma ghamlet il-manuvra taghha biex tohrog mis-sieq tat-T-junction, inkella lill-konvenut li jsostni li l-attrici qabdet u hargitlu mis-*side street* u nvadietlu l-karreggjata tieghu tant li ghalxejn ipprova jevitaha .

---

[1] ara kopja ta' l-okkorrenza relattiva Dok. JC. 1 a fol. 26 tal-process .
[2] ara depozizzjoni taghha a fol. 41 .
[3] ara affidavit tieghu a fol. 66 .
[4] ara depozizzjoni tieghu a fol. 31 .

Minn ezami ta’ l-iskizz redatt mis-surgent Camilleri in segwitu ghall-habta,[5] jidher illi :

1. li skizz hu maghmul *to scale* (1cm : 1m) ;

2. it-truck tal-konvenut halla zewg *brake-marks* pjuttost twal mir-roti ta' quddiem u cioe' ta' 15.90 metri mir-rota tal-lemin u 15.10 metri mir-rota tax-xellug; dan ifisser illi skond it-tabella annessa mal-Highway Code it-truck kien ghaddej b'velocita' ta' cirka 45 kilometru fis-siegha,[6] tenut kont ukoll illi kien hemm iz-zrar fit-triq ;

3. it-truck gibed lejn ix-xellug tieghu wara certu distanza li gew applikati l-*brakes* ;

4. il-pozizzjoni ta' l-istess *brake marks* tindika illi qabel il-habta fi triq fejn, ta' l-inqas f'dik il-parti, kienet wiesa 7.5 metri, it-truck kien ghaddej zewg metri biss 'l barra minn naha tal-lemin tieghu tat-triq u ghalhekk *wrong way* ;

5. li *spot of impact* tidher taht it-truck 3.4 metri min-naha ta' quddiem tieghu, u bejn wiehed u iehor minn 3 sa 5 metri 'l boghod mill-hajt ta' l-iskola f'parti fejn it-triq minhabba li *splay* fil-kantuniera titwessa ghal 9 metri ;

6. il-karozza ta' l-attrici kellha l-hsarat koncentrati fuq il-kantuniera tal-lemin ta' quddiem, filwaqt illi t-truck kellu daqqa fil-kantuniera tax-xellug .

Il-Highway Code jghallem f'dan ir-rigward illi :

“**84. Use extra care at junctions or intersections. Look out for the relevant traffic signs,traffic lights or carriageway markings and abide by them . Stop at STOP signs . Slow down and give way at GIVE WAY signs . Where there are no such signs exercise discretion and prudence .**

[5] Dok. JC 1 a fol. 24 .
[6] ara Highway Code a fol.56 .

**86. On turning at a junction look right, then left, then right again . Do not go on until you are sure that it is safe to do so . Do not rely on signals to go ahead given by unauthorised persons**."

Jidher illi, minkejja illi ma kien hemm ebda sinjali tat-traffiku fejn sehh l-incident, l-attrici kienet qed tosserva sew dawn ir-regolamenti tat-traffiku fil-manuvra taghha biex minn Triq Sant'Indrija tidhol fi Triq ic-Cnut . Dan certament ghamlitu meta, qabel ma harget fi Triq ic-Cnut, waqfet biex tesplora t-triq ghat-traffiku li seta' kien gej minn dik it-triq . Minhabba l-konfigurazzjoni partikolari tal-kantuniera tal-lemin taghha, certament ma setghetx tara lit-truck tal-konvenut niezel b'certa velocita' minn naha ta' fuq ta' dik it-triq, imma hekk kif xirfet fi Triq ic-Cnus u ratu gej ghal fuqha ghamlet dak biss li setghet taghmel fic-cirkstanzi, u cioe' li tieqaf, fit-tama li t-truck ukoll jilhaq jieqaf fil-hin biex tigi evitata l-habta .

Imma minn dak li rrizulta mill-ezami ta' l-iskizz esebit, mqabbel mal-provi l-ohra, l-Qorti hija tal-fehma illi ma tantx tista' tkun verosimili l-verzjoni tal-konvenut . Il-konvenut kien ghaddej isuq kontra l-linja, u kien biss x'hin lemah lill-attrici li genneb xi ftit ghax-xellug tieghu . Ghalkemm ma jistax jinghad illi kien ghaddej b'xi velocita' eccessiva, tenut kont illi kien mghobbi bic-cilindri tal-gass u li kien hemm iz-zrar fit-triq, ried ikun izjed prudenti fis-sewqan . Infatti minkejja illi kien ilu li applika l-*brakes* minn certu distanza, ma rnexxielux iwaqqaf il-vettura tieghu fil-hin biex jevita l-kollizjoni . Lanqas ma kien korrett il-konvenut meta sostna illi l-attrici qatghet il-kantuniera biex sabha quddiemu . Li *spot of impact* u l-posizzjoni tal-hsarat fil-vetturi rispettivi, jindikaw illi l-attrici zammet kemm setghet ghan-naha taghha tat-triq hija u diehla fi Triq ic-Cnut, u ghall-kuntrarju kien it-truck misjuq mill-konvenut li nvadielha l-karreggjata taghha .

Jirrizulta ghalhekk illi kien l-agir tal-konvenut il-kagun immedjat ta' din il-kollizzjoni . Minn naha l-ohra l-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fis-sewqan ta' l-attrici . Ghaldaqstant ghal din il-kollizjoni jahti unikament il-

konvenut u konsegwentement ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li garrbet l-attrici minhabba dan l-agir traskurat tieghu .

Minkejja illi fic-citazzjoni taghha l-attrici tallega illi konsegwenza ta' din il-habta garrbet danni kemm fuq il-persuna taghha kif ukoll fil-karozza minnha misjuqa, jirrizulta mill-provi prodotti illi d-danni reklamati minnha, jirreferu biss ghall-ispejjez inkorsi sabiex issewwiet il-karozza taghha . Ghalkemm l-attrici esebiet kopja ta' certifikat mediku rilaxxjat mit-tabib Dr. John Xuereb Dingli dwar l-ugiegh li hasset wara din il-kollizjoni,[7] ma rrizulta illi nefqet ebda spejjez medicinali fil-kura ta' dan l-ugiegh jew li sofriet xi debilita' permanenti .

Mill-ircevuti esebiti jidher illi spejjez biex tirranga l-karozza taghha kellha :

(i) spare *parts* : Lm205.20;[8]

(ii) kien hemm ukoll kont ta' Lm274.90 ghax-xoghol ta' tiswija, *panel beating* u *spray painting*[9] *;* u

(iii) Lm3 ghall-kopja ta' li skizz ta' l-incident[10] .

Dawn il-kontijiet ma gewx kontestati u l-Qorti lanqas ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccettahom . Ghalhekk jigi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici somma totali ta' : erba' mija tlieta u tmenin lira maltija u ghaxar centezmi (Lm483.10).

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali msemmi fic-citazzjoni ;

---

[7] Dok. A a fol. 55 .
[8] Dok. B a fol. 56 .
[9] Dok. C a fol. 57 .
[10] Dok. D a fol. 58 .

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fis-somma ta' erba' mija tlieta u tmenin lira maltija u ghaxar centezmi (Lm483.10), u

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici din is-somma .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Dicembru 1998 u ta' l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-kawza, kontra l-istess konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------